MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 32/2009

**Josephine *sive* Joyce Camilleri;**
**Salvatore *sive* Saviour Caruana;**
**Teresa Caruana;**
**Marianna *sive* Miriam Frendo;**
**Filippa *sive* Phyllis Briffa;**
**Agnes D'Anastasi**

**-vs-**

**Rita Casha**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta' Jannar 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi din hija talba għall-iżgumbrament qed issir a tenur ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), ċioe' "bil-giljottina";

2. Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-fond 3 / 4 Vilhena Street, Zebbug, Malta;

3. Illi riċentement il-ġja' inkwilini żgumbraw mill-post imsemmi u irrilaxxjaw ċ-ċavetta msemmija lill-esponenti. Dan kollu jirriżulta miż-żewġ (2) sentenzi u ċedola relattivi, kopji hawn annessi u mmarkata Dok. 1, Dok. 2, u Dok. 3.

4. Illi meta r-rikorrenti marru jiftħu l-post, sabu lill-intimata Rita Casha li qed tinsisti li għandha titolu fuq il-fond. Dan kollu jirriżulta mill-okkorrenza relattiva (Dok. 4) u anki okkorrendo, ix-xhieda ulterjuri tar-rikorrenti u tal-Kummissarju tal-Pulizija.

5. Illi ma hemm l-ebda kirja favur l-intimata Rita Casha;

6. Illi għalhekk l-intimata qed tokkupa l-fond imsemmi mingħajr titolu validu fil-liġi;

7. Illi għalhekk ir-rikorrenti qegħdin jitolbu debita ordni mingħand din l-Onorabbli Qorti sabiex l-intimata tiġi ordnata tiżgombra mill-fond imsemmi u dana kif maħsub fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

8. Illi r-rikorrenti qegħdin bil-preżenti jiddikjaraw li sa fejn jafu huma, l-intimata ma għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba attriċi;

9. Illi d-dokumenti in sostenn tat-talba attriċi, kompriż l-affidavit relattiv, huma hawn mehmuża markati wieħed (1) sa sitta (6).

Għalhekk tgħid l-intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tgħaddi biex tordna lill-intimata tiżgombra mill-fond fuq deskritt bid-dispensa tas-smiegħ skond kif maħsub fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), u tordna lill-istess intimata sabiex tiżgombra mill-fond fit-terminu li jiġi stabbilit minn din l-istess Onorabbli Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Semgħet lill-konvenuta;

Peress illi jirriżulta ċar illi l-konvenuta ma għandha ebda eċċezzjoni xi tressaq u t-talba attriċi hija ġustifikata;

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u għall-fini ta' l-iżgumbrament tipprefiġġi terminu ta' tlett xhur;**

**Il-konvenuta għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------